**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 509/2021**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Omissis**

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzonijiet dedotti kontra Omissis, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli:

> Fix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2021 u s-snin ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. Għamlet atti ta' Money Laundering billi:
>
> i. Ikkonvertiet jew ittrasferixxiet proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
>
> ii. Ħbiet jew uriet ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienet taf jew tissuspetta li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iii. Akkwistat, ippossediet jew użat proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iv. Irriteniet mingħajr skuża raġonevoli proprjetà meta kienet taf jew tissuspetta li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

v. Ittantat tagħmel il-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi. Aġixxiet bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fissub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

2. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali u/jew entitajiet oħra liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

3. Għamlet xi qliegħ b'qerq għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali u/jew entitajiet oħra liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest elef euro (€5,000);

4. Sabiex kisbet xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha inniffisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika u kwalunkwe awtoritajiet oħra (anke jekk mhux awtoritajiet pubbliċi), xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagħat tagħrif falz u dan billi naqset li tiddikjara ilqliegħ tagħha mal-Kumissarju tat-Taxxa u/jew entitajiet oħra;

5. Approfittat ruħha mill-bluha ta' ħaddieħor, bi ħsieb ta' qligħ u ġiegħlet min jemmen li hija tista' tindovina jew li tista' tkun taf x'għandu jiġri jew li tista' tfisser il-ħolm;

Kif ukoll talli fl-istess żmien, u ċioe bejn is-snin 2009 u 2021, ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

6. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation mogħtija lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. nhar il-erbatax (14) ta' Diċembru, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

7. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati

(Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. nhar is-sitta (6) ta' Jannar, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

8. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

9. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation mogħtija lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

10. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' libertà kundizzjonata mogħti lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Imħallef Dr. Michael Mallia LL.D. nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar, 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

11. Ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt li kienet taħt perjodu operattiv ta' libertà kundizzjonata mogħti lilha b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. nhar il-sebgħa (7) ta' Marzu, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

12. Irrendiet ruħha reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

13. Naqset milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Edwina Grima LL.D., fid-digriet mogħti nhar it-23 ta' Jannar 2013, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna 'Ordni ta' Qbid u Iffriżar' u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lillimputata jew huma propjetà tagħha, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, twiegħed, tipoteka jew tibdel jew tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnha, ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li ġie mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, kif ukoll il-konfiska ta' kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja, ai termini tal-Artikolu 23B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll il-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Omissis u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Omissis, u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex is-somma ta' ħdax-il elf euro (€11,000.00) bħala depożitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, toħroġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputata, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Awwissu 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, illiberat lill-imputata mill-imputazzjonijiet numru erba', sitta, seba', tmienja, disa', għaxra u ħdax, kif ukoll illiberatha mill-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, u wara li rat l-Artikolu 3 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 308, 310(1)(a), 338(l) u 579(1)(2)(3)(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w ikkundanatha għal piena ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum u multa ta' tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000). Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli kollha ta' l-imputata, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre` ai termini tal-imsemmi artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' erbat elef ewro (€4,000) rapprezentanti parti mill-ammont tal-garanzija hekk kif indikat fid-digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima fit-23 ta' Jannar, 2013. Ukoll, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-ħatja tħallas l-ammont ta' €1,053.98 rappreżentanti spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellata ġiet misjuba ħatja u tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellata ġiet illiberatha u minflok issib lill-appellata ħatja skond l-akkużi u tinfliġġi piena skont il-liġi.

Rat l-aggravji imressqa mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi nhar il-25 ta' Novembru 2022, l-appellata ssollevat il-preġudizzjali dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell.

Semgħet trattazzjoni kemm dwar l-istess preġudizzjali sollevat, kif ukoll dwar il-mertu tar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kull konsiderazzjoni marbuta mal-aggravji imqanqla mill-Avukat Ġenerali fl-appell minnu ntentat, il-Qorti ser tqies l-preġudizzjali ssollevat mill-appellata dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell. Tisħaq l-appellata Omissis illi r-rikors ta'l-appell huwa null minħabba nuqqas ta' osservanza mill-Avukat Ġenerali ta' dak dispost fl-Artikolu 419(1)(a) u l-Artikolu 419(2) tal-Kodiċi Kriminali u dan għaliex ma hemmx kontenut fl-imsemmi rikors il-fatti fil-qosor kif tirrikjedi l-Liġi, u wkoll hemm in-nuqqas ta' firma ta'l-Avukat Ġenerali nnifisha, u minflok dik ta' uffiċjal minnha delegat fl-istess uffiċċju.

Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi dan il-preġudizzjali sollevat mill-appellata jirrażenta il-fieragħ u huwa ukoll vessatorju. Ibda biex bl-emendi introdotti permezz tal-Att I tal-2018 il-leġislatur ħaseb sabiex jkun sanat l-att promotur tal-appell kull meta ma hemmx aderenza sħiħa mar-rekwiziti imfassla fl-artikolu 419(1)(a)(b)(c) tal-Kodiċi

Kriminali u dan meta n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' xi waħda minn dawn ir-rekwiżiti ma għadux illum isarraf f'nullita'. Illi magħdud ma' dan minn daqqa t'għajn lejn ir-rikors ta'l-appell u senjatament *a folio* 4 *et seq* ta' l-istess, hemm imniżżla il-fatti fil-qosor tal-każ, u dana kuntrarjament għal dak allegat mill-appellata. Għalhekk m'hemm l-ebda nuqqas proċedurali f'dak ir-rigward.

Illi, *in oltre*, fir-rigward ta'l-ilment li r-rikors tal-appell ma huwiex iffirmat mill-Avukat Ġenerali nnifisha, dina l-Qorti tistqarr illi anke dan ma jistħoqqlux akkoljiment. Ir-rikors tal-appell huwa iffirmat mill-Avukat Sean Xerri de Caro u dana "*Għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali*". Illi l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta, jistabilixxi illi l-Uffiċjali tal-Avukat Ġenerali għandhom is-setgħa "***illi jeżerċitaw u jesegwixxu dawk is-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet kollha iddelegati jew mogħtija lilhom mill-Avukat Ġenerali***". Magħdud ma' dan, "***fl-eżerċizzju u fl-esekuzzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet iddelegati jew mogħtija lilhom ... l-Uffiċjali l-oħra tal-Avukat Ġenerali għandhom, sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni hija kuntrarja, ikollhom l-istess dmirijiet u jgawdu l-istess ħarsien u privileġġi li l-liġi timponi jew tagħti lill-Avukat Ġenerali***".

Finalment l-artikolu 6 tal-Kapitolu 90 imbagħad jistabilixxi illi:

> ***L-ebda nullità jew difett legali ieħor ma għandu jirriżulta meta dokument li jirrigwarda proċedimenti kriminali jew ċivili li għandu jservi bħala prova ta' kwalunkwe ordni, kunsens, approvazzjoni jew direzzjoni mogħtija mill-Avukat Ġenerali jiġi ffirmat mid-Deputat Avukat Ġenerali, jew minn uffiċjal tal-Avukat Ġenerali f'isem l-Avukat Ġenerali.***

Illi għalkemm din id-disposizzjoni tal-liġi ma tirreferiex b'mod speċifiku għar-rikors ta'l-appell, madanakollu b'analoġija, wisq anqas ma hemm nullita' ravviżata meta l-Avukat Ġenerali tkun tat direzzjoni sabiex issir talba għal reviżjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti ta'l-ewwel grad u dan meta l-istess ikun imħejji u ffirmat minn delegat fl-uffiċċju. Għaldaqstant, huwa pależi li l-Avukat Xerri de Caro bħala Uffiċjal ta'l-Avukat Ġenerali kellu is-setgħa li jiffirma r-rikors tal-appell għan-nom tal-Avukat Ġenerali nnifisha u għalhekk l-istess rikors huwa pjenament konformi mal-Liġi u ma hemm l-ebda lok għan-nullita' hekk kif ravviżat mill-appellata.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qegħdha tiċħad il-preġudizzjali dwar in-nullita' sollevat mill-appellata Omissis.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel ilment minnu ventilat l-Avukat Ġenerali jikkritika s-sentenza appellata fejn din illiberat lill-appellata mill-imputazzjoni numru erbgħa minħabba l-fatt illi d-dokumenti eżebiti mill-Kummissarju tat-Taxxa (Sezzjoni tal-*VAT*) ma kenux l-aħjar prova li kellha tressaq il-Prosekuzzjoni sabiex tissostanzja din l-imputazzjoni. L-Avukat Ġenerali jisħaq li d-dokumenti li kienu ppreżentati in atti mir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi jikkontenju l-istess tagħrif miksub direttament minn fuq il-program diġitali (*software*) tad-Dipartiment fejn tkun reġistrata dik l-informazzjoni miksuba mid-dokumenti ppreżentati mit-*taxpayer* u allura dawn l-istess dokumenti huma, bħala stat ta' fatt, kopji awtentiċi ta'l-oriġinal.

Illi fir-raba' imputazzjoni l-appellata kienet mixlija bir-reat imfassla fl-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar il-falsita' f'dikjarazzjoni maħsub għal xi awtorita' pubblika. Illi allura l-att materjal jikkonsisti fid-dikjarazzjoni nnifisha kontenenti informazzjoni falza. Issa fil-każ taħt il-lenti tal-Qorti din id-dikjarazzjoni saret mill-appellata fir-*return* tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fejn qed ikun allegat illi hija ma kenitx qed tiddikjara d-dħul tagħha mis-servizzi minnha reżi marbuta mal-qari tax-xorti, fost oħrajn.

Illi jibda biex jingħad illi ma tirriżultax xi kontestazzjoni dwar il-kontenut tad-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi (Sezzjoni *VAT)*. Ix-xhud Dr. Miguel Balzan jikkonferma li l-informazzjoni inkisbet minnu mis-sistema tal-informatika tad-Dipartiment tat-Taxxi, liema nformazzjoni tirrifletti r-*records* tagħhom. Mix-xhieda tiegħu jemerġi illi l-appellata kienet reġistrata ai fini ta' taxxa fuq il-valur miżjud sa mis-sena 2009, iżda għalkemm mill-ktieb tar-riċevuti, elevat fil-kors tal-investigazzjonijiet, jidher li hija kellha dħul taxxabbli madanakollu ddikjarat li ma kellha ebda dħul u dan fiż-żmien meta hija kienet rreġistrata bħala kategorija "A", jiġifieri għal dak il-perijodu fejn kienet obbligata tissottometti dikjarazzjoni ta' taxxa,  u dan bejn Jannar 2010 u Diċembru 2012.

Issa l-Ewwel Qorti għaddiet biex tillibera lill-appellata minn din l-imputazzjoni għaliex ix-xhud rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxa naqas milli jeżebixxi id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellata allegatament kontenenti l-informazzjoni falza, fl-oriġinal tagħhom, u minflok eżebixxa biss *records* interni tad-Dipartiment maħruġa mis-sistema komputerizzata. L-Avukat Ġenerali iżda ħassu aggravat b'din il-fehma tal-Ewwel Qorti għaliex jikkontendi illi d-dokumenti eżebiti huma kopja awtentika tal-oriġinal imniżżla minn fuq program ta' *software* tad-Dipartiment, oltre għal fatt illi l-informazzjoni miġbura mill-Kummissarju dwar kull persuna taxxabbli tittieħed mid-dokumenti u *returns* minnhom sottomessi. Jagħmel referenza ukoll l-Avukat Ġenerali għal dak dispost fl-artikoli 627 sa 636 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili illi il-kopji ta' dokument jitqiesu li huma awtentiċi tal-orġinal tagħhom meta huma magħmula fil-forma li trid il-liġi mill-uffiċjal li jkun irċieva jew li jkun merfugħ għandu l-oriġinal, jew mill-persuna awtorizzata legalment għaldaqshekk. Finalment mid-dokumenti ppreżentati jirriżulta fuqhom il-kliem "*Tax Return, Payable without Payment*" li jista' jfisser biss, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali illi dawn ir-*returns* ġew irreġistrati bħala tali mill-appellata, u għalhekk ebda taxxa ma tħallset għal dak il-perijodu.

Jibda biex jingħad illi x-xhud ma jindikax min hi dik il-persuna jew dawk il-persuni li fiżikament jieħdu ħsieb sabiex jagħmlu *input* fuq is-sistema komputerizzata tal-informazzjoni li temerġi mir-*returns* sottomessi mit-*taxpayer*. Mhux biss, iżda minn eżami li għamlet il-Qorti tad-dokumenti eżebiti mix-xhud Dr. Miguel Balzan, li huma estratti maħruġa minn sistema ta' *software* komputerizzata, lanqas ma jirriżulta l-isem tal-appellata jew il-firma tagħha u lanqas il-*VAT number* sabiex huwa ferm diffiċli għal Qorti, bħal kif jidher kien diffiċli għall-Ewwel Qorti qabilha, sabiex tikkonkludi, lil hinn min kull dubbju, illi dawn huma verament kopja awtentika tal-oriġinal sottomess mill-appellata lil Kummissarju. L-uniku informazzjoni li hemm f'dawn id-dokumenti li jistgħu jorbtuhom mal-appellata huma in-numri u ittri żgħar li hemm fil-qiegħ tad-dokumenti fejn hemm indikat il-kliem: "***Account Enquiry -19415530 B***" (li huwa in-numru tal-*VAT* appartenenti lill-appellata kif jixhed Dr. Balzan) b'ittri u numri ohra hdejhom li x'aktarx huwa il-*username* tal-persuna li aċċessat is-sistema sabiex inkisbet

l-informazzjoni u ġie stampat id-dokument. Illi allura, għalkemm kif isostni l-Avukat Ġenerali l-artikolu 636 tal-Kap.12, reż applikabbli għal proċeduri penali permezz tal-artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali, il-kopji awtentikati ppreżentati mill-uffiċjal li jkun irċeva dawk id-dokumenti jiswew daqslikieku ikun ppreżentat l-oriġinal, madanakollu dawn iridu tassew jirriflettu kopja preċiża tal-oriġinal u mhux *input* ta' informazzjoni f'sistema komputerizzata.

Tant hu hekk illi b'analoġija meta jsir stħarriġ dwar l-*in genere* fejn jinkixef xi dokument marbut mar-reat, jew inkella meta jinkixef xi dokument attakkat bħala falz, dan għandu jinġieb fl-oriġinal tiegħu biex ikun konservat u ippreservat.[1] U allura meta r-reat ikun marbut mad-dokument innifsu u dan billi l-att materjal ikun seħħ bl-użu tad-dokument kontenenti d-dikjarazzjoni falza, l-aħjar prova li trid tinġieb fil-Qorti huwa id-dokument innifsu u mhux l-informazzjoni miksuba minn dan id-dokument.

Illi ukoll l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq dak li jiddisponi l-leġislatur fil-liġi regolanti t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-Kapitolu 406, fejn fl-artikolu 48 tieghu hemm obbligu fuq il-Kummissarju li jżomm d-dokumenti u l-kontijiet ippreżentati mill-persuna taxxabbli ghal perijodu ta' sitt snin, u kwindi f'dan il-każ, billi dan iż-żmien kien iddekorra, allura l-Prosekuzzjoni kienet fl-impossibilita' li tressaq din il-prova. Illi l-Qorti madanakollu ma tistax teżonera lil Prosekuzzjoni milli tressaq l-aħjar prova li l-każ jista' jkollu għaliex l-investigazzjonijiet skattaw diversi snin wara meta kellu jkun evidenti għal Pulizija illi l-appellata, persuna li tidher li diġa' għandha preċedenti penali u li allura kienet żgur indagata f'okkazzjonijiet preċedenti, kienet qed tirċevi qliegħ mid-diversi attivitajiet u negozji minnha intrapriżi matul is-snin mingħajr ma tiddikjara dan il-qliegħ lill-erarju pubbliku. Illi finalment meta tasal għal ġudizzju tagħha il-Qorti teżiġi illi il-partijiet iressqu l-aħjar prova li tista' tinġieb u meta dan ma jsirx allura l-provi jkunu mankanti. F'dan il-każ allura fejn ir-reat huwa marbut direttament mad-dokument kontenenti id-dikjarazzjoni falza, il-Prosekuzzjoni kellha

[1] Ara artikoli 557 u 558 tal-Kodiċi Kriminali

tressaq id-dokument innifsu, jew għal ta'l-inqas kopja awtentikata ta' dak l-oriġinal kontenenti tali dikjarazzjoni, u mhux informazzjoni meħuda minn dak id-dokument.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel aggravju imressaq mill-Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Avukat Ġenerali ħassu ukoll aggravat bid-deċizjoni tal-Ewwel Qorti meta din illiberat lill-appellata mill-imputazzjonijiet numru sitta sa ħdax miġjuba kontriha, kif ukoll fejn kienet illiberata mill-addebitu tar-reċediva, u dana minħabba "*nuqqas ta' provi sal-grad rikjest dwar id-dati li fihom seħħew id-diversi ksur ta' ordnijiet kontemplati bl-artikoli 7 u 22 tal-Att dwar il-Probation, kif ukoll ksur ta' sentenzi sospizi*". Jidher li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellata fuq il-premessa illi "*l-Prosekuzzjoni naqset milli tindika b'aktar preċizjoni u b'mod aktar speċifiku d-dati li fih seħħ l-għemil li dwaru ġiet rreġistrata l-ammissjoni*". L-Avukat Ġenerali jilmenta li ġialadarba l-appellata ammettiet għall-imputazzjonijet bin-numri wieħed sa tlieta u l-ħames waħda ukoll, allura ma kienx hemm il-ħtieġa illi ssir indikazzjoni jew jiġu speċifikati d-dati meta seħħ il-ksur ta' Ordnijiet ta' *Probation* u ta' sentenzi sospiżi konsegwenzjali għal kummissjoni ta' reati li dwarhom kienet mixlija fil-preżenti istanza, u wisq anqas ma kienet mitluba tagħmel dan mill-Ewwel Qorti.

Illi minn eżami tal-atti jirriżulta illi fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2022, l-appellata ammettiet l-imputazzjonijiet bin-numri wieħed, tnejn, tlieta u ħamsa u għalhekk irreġistra l-ammissjoni tagħha għar-reat ta' ħasil ta' flus, dak tal-frodi u qliegħ b'qerq kontra id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, u finalment għar-reat kontravvenzjonali imfassal fl-artikolu 338(l) tal-Kodiċi Kriminali, liema reati seħħew fix-xahar ta' Awwissu 2021 u fis-snin ta' qabel. Dan seħħ fl-istadju fejn il-Prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha u allura fl-istadju meta l-Prosekuzzjoni kienet diġa' ressqet il-provi kollha anke fir-rigward tal-imputazzjonijiet bin-numri 6 sa 12, li kienu inwkadrati mill-Prosekuzzjoni fil-perijodu bejn is-sena 2009 u l-2021.

Issa f'dawn l-imputazzjonijiet l-appellata kienet mixlija li bil-kummissjoni tar-reati lilha addebitati kissret:

i. Ordni ta' *Probation* imposta fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-14 ta' Diċembru 2009 għal żmien tlett snin.
ii. Sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-06 ta' Jannar 2010 .
iii. Sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-15 ta' Mejju 2012.
iv. Ordni ta' *Probation* imposta fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Novembru 2012 għal żmien tlett snin.
v. Il-liberta' kondizzjonata mogħtija favur tagħha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati[2] (Imħallef Dr. Michael Mallia) tal-15 ta' Jannar 2015 għal żmien sena.
vi. Il-liberta' kondizzjonata mogħtija b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati fis-07 ta' Marzu 2018 għal żmien tlett xhur.
vii. Digriet fejn kien lilha konċess il-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati fit-23 ta' Jannar 2013[3].

Finalment l-appellata kienet mixlija ukoll bl-addebitu tar-reċidiva bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u kienet eżebita sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fejn l-appellata kienet ikkundannata għal sitt ġimgħat priġunerija.

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi dawn is-sentenzi kienu mogħtija fil-konfront tal-appellata u li dawn għaddew in ġudikat. Il-Prosekuzzjoni fil-fatt eżebiet kull waħda minn dawn is-sentenzi li bix-xiehda tar-Reġistratur tal-Qorti kien ikkonfermat li dawn kienu finali.

Illi kif ingħad iż-żmien temporali li fih l-appellata ikkomettiet ir-reati li għalihom irreġistrat ammissjoni huwa wiesgħa ħafna, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, u ċioe' il-perijodu ta' Awwissu 2021 u s-snin ta' qabel. Issa għalkemm ix-xahar ta'

[2] Din hija sentenza tal-Qorti ta'l-Appell.
[3] L-appellata kienet misjuba ħatja ta' danl-aħħar ksur.

Awwissu 2021 huwa żmien preċiż, madanakollu huwa diffiċli biex jkun stabbilit il-perijodu ta' żmien li huwa indikat fiċ-ċitazzjoni bħala "is-snin ta' qabel", li jista' jkopri perijodu minimu ta' sena jew aktar, iżda mingħajr ebda parametri fissi. Dan ifisser illi ġaldarba l-appellata ma kenitx irreġistrat ammissjoni għal dawn l-imputazzjonijiet kien meħtieġ, fir-rigward ta'l-istess, illi jsir apprezzament tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni sabiex ikun stabbilit f'liema perijodu ta' żmien kienu kommessi r-reati li dwarhom l-appellata irreġistrat l-ammissjoni tagħha. Dan l-eżerċizzju seta' jsir billi l-Prosekuzzjoni kienet ressqet il-provi kollha tagħha fil-mument illi l-appellata ammettiet għall-egħmil krimimuż li dwaru kienet mixlija.

Issa minn eżami tal-provi jirriżulta illi dan il-każ ra t-twelid tiegħu wara rapport kunfidenzjali li kien sar lill-pulizija f' Ottubru tas-sena 2020 li l-appellata Omissis kienet qed tilgħab ammont sostanzjali ta' flus fil-*casinos* lokali, liema nfiq ma kienx qed jirrifletti l-introjtu leġittimu tagħha u minnha iddikjarat lill-awtoritajiet li kien qed jiġi pperċepit tul is-snin preċedenti id-data ndikata fl-akkuża. Mill-investigazzjonijiet magħmula mill-pulizija rriżulta illi l-aħħar impjieg li kellha irreġistrat l-appellata kien fis-sena 2008 fejn minn dan l-aħħar impjieg kienet ġiet imkeċċija minħabba serq ta' ċekkijiet li kienu jifformaw il-mertu ta' proċeduri oħra kriminali. Fit-28 ta' Lulju 2009, imbagħad, l-appellata irreġistrat mad-Dipariment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bħala *sole trader*. Mill-investigazzjonijiet irriżulta illi hija bdiet negozju bl-isem ta' Futura International fl-1 ta' Awwissu 2012, dwar liema negozju hemm ukoll kawza kriminali pendenti kontriha. L-appellata dejjem iddikjarat li ma kellha ebda introjtu, għalkemm il-ktieb tar-riċevuti tal-*VAT* misjub għandha kien igħid xort'oħra, minn fejn inħarrġu diversi riċevuti għas-snin 2012, 2016 u 2018[4]. Minn indaġini li sar mal-banek lokali għas-snin wara l-2010, irriżulta ukoll illi l-appellata ma kellha ebda attivita' finanzjarja. L-appellata Omissis tghix f'residenza allokata lilha mid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Soċjali[5]. Fis-snin 2008 u 2009 irċeviet diversi benefiċċji soċjali, li waqqfu fl-2010 u l-2011, imbagħad reġgħet bdiet tirċevi mis-sena 2012 'il quddiem u dan billi l-appellata ddikjarat li ma kellhiex impjieg u ebda introjtu ieħor biex b'kollox

---

[4] Dokument JX5 a fol.324
[5] Dokument AX a fol.514

irċeviet total ta' €35,123.30[6]. Wara li sar rapport marbut ma' logħob tal-ażżard, kif ingħad, minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill-pulizija rriżulta illi bejn is-snin 2009 u 2020 l-appellata Omissis lagħbet b'kollox is-somma ta' €203,604 fejn għamlet *cash outs* ta' madwar €57,490. Il-flejjes milgħuba, fil-maġġior parti tagħhom dejjem tħallsu fi flus kontanti. Minn dawn l-investigazzjonijiet irriżulta illi l-appellata ma setax kellha fil-pussess tagħha dawn l-ammont ta' flejjes meta imqabbel mal-introjtu iddikjarat minnha. Irriżulta ukoll mill-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti illi mis-sena 2018 'il quddiem hija kienet qed tagħti servizzi ta' qari tax-xorti (*fortune telling*), liema qliegħ ma kienx qed jkun lanqas minnha ddikjarat u allura tul is-snin l-appellata kienet qed tevadi mid-dmirijiet tagħha lejn l-erarju pubbliku.

Illi l-appellata b'mod ewlieni kienet misjuba ħatja tar-reat ta' ħasil ta' flus. Huwa indubitat ukoll illi hija kienet misjuba ħatja diversi drabi mill-qrati ta' reati ta' frodi, misapproprjazzjoni, serq u falsifikazzjoni, kif inhu indubitat ukoll illi kienet qed tevadi it-taxxa u il-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Huwa ppruvat imbagħad illi l-appellata, li kienet tiddikjara mal-awtoritajiet li ma kellha ebda introjtu, kellha f'idejha ammont ta' ġid finanzjarju li għalih hija ma toffri ebda spjegazzjoni, tant illi tammetti li kienet ħatja ta' riċiklaġġ u ħasil ta' flus u ċioe' illi hija kienet qed tgħix bi flejjes derivanti minn attivitajiet kriminali. Illi huwa stabbilit mill-provi illi hija kienet iffrekwentat il-*casinos* lokali għal diversi drabi fis-snin 2009, 2017, 2019 u fl-2020 u lagħbet ammont sostanzjali ta' flus li l-provenjenza jew sors ta'l-istess ma ġiex minnha spjegat. Imbagħad ireċeviet assistenza soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fis-snin 2008 2009, 2012 u bejn is-snin 2014 u l-2021[7], u dan fiż-żmien li hija ddikjarat li ma kenitx taħdem u dan għaliex kellha kundizzjoni medika kif ukoll tfal taħt l-eta'. Irriżulta ukoll illi l-appellata fil-fatt kienet qiegħda taħdem għal rasha tant illi anke kienet irreġistrata ai fini ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, bl-aħħar xogħol li kienet qed tagħmel dak tal-qari tax-xorti mill-2018 'il quddiem. Jidher għalhekk illi żgur li mis-sena 2012 l-appellata, għalkemm kienet tiddikjara li ma kellhiex dħul, kienet qed tirċevi flejjes għal servizzi allegatament minnha reżi l-ewwel in konnessjoni man-

[6] Ara xiehda Saviour Theuma fol.209 u Dokument ST fol.214.
[7] Ara Dokument ST a fol.214

negozju taħt l-isem *Futura International*, (li dwar l-istess hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħha), u imbagħad wara is-sena 2018 permezz tal-qari tax-xorti u dan għalkemm kienet qed tiddikjara mal-Awtoritajiet illi hija ma kenitx qed taħdem, biex b'hekk kienet qed tirċevi l-assistenza soċjali. Illi huwa ippruvat ukoll illi l-appellata kienet qed tilgħab ammont sostanzjali ta' flus f'diversi *casinos* lokali, għalkemm mhux dejjem kien ikollha rebħ. Kif ingħad l-appellata tammetti għar-reati ta' ħasil ta' flus derivanti minni sorsi illeġittimi u wkoll li ipperċpiet flejjes mid-Dipartiment tas-Siġurta Soċjali indebitament. Issa għalkemm l-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu jippreżenta tabella minnu magħmula rigward dak li fil-fehma tieghu mis-sena 2009 sal-lum jirifletti il-flejjes li allegatament l-appellata utilizzat iżda li dwarhom ma spjegatx il-provenjenza jew is-sors tagħhom, madanakollu ma jindikax kif l-istess ammonti huma riflessi fil-provi in atti.

Illi dan magħdud, madanakollu huwa evidenti li mis-sena 2012 'il quddiem l-appellata naqqset milli tiddikjara l-introjtu li kienet qed tirċevi mix-xogħol tagħha u naqqset milli tinforma lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali b'dan il-fatt biex b'hekk baqgħet tirċevi l-assistenza soċjali indebitament. Ukoll mill-2017 'il quddiem hija kienet qed tonfoq ammonti sostanzjali ta' flus fil-logħob tal-ażżard li s-sors tagħhom ma giex minnha spjegat u dan meta l-appellata instabet ħatja għal diversi drabi li kkomettiet diversi reati fejn għamlet qliegħ finanzjarju għad-detriment tal-vittmi tagħha. Illi l-Qorti mhijiex ser tqies dak l-egħmil li seħħ fis-sena 2009 billi għalkemm jirriżulta illi f'dik is-sena, u fis-sena preċedenti, l-appellata kkomettiet diversi reati u għalkemm ukoll jirriżulta illi f'dik is-sena hija lagħbet il-flus, il-pulizija qatt ma ipproċedew kriminalment kontra tagħha dwar ir-reati minnha ammessi f'dawn il-proċeduri, biex b'hekk illum l-azzjoni kriminali hija perenta bid-dekors ta' għaxar snin mill-kummissjoni ta'l-istess[8] u dan għaliex kemm ir-reat tal-ħasil ta' flus kif ukoll dak tal-frodi ma jġorrux piena li teċċedi id-disa' snin priġunerija. Ma jirriżultax imbagħad li l-att materjali tar-reati addebitati lill-appellata seħħ fis-snin bejn l-2009 u l-2012, billi provi dwar x'kien il-kwadru finanzjarju f'dan il-perijodu ta' żmien ma hemmx fl-atti.

[8] Artikolu 688(c) tal-Kodiċi Kriminali

Kwindi ifisser illi l-imputazzjonijiet li dwarhom hija irreġistrat ammissjoni jistgħu jinkwadraw rwieħhom biss għas-snin mill-2012 'il quddiem.

Issa l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 28C tal-Kodici Kriminali jistabilixxu illli meta reat ikun kommess matul il-perijodu ta' Ordni ta' Probation jew matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża hija dik il-Qorti li tkun ghamlet dik l-Ordni jew tat dik is-sentenza li ghandha titratta mal-ħati dwar dak ir-reat jew reati li dwarhom tkun inghatat sentenza alternattiva ghal dik tal-priġunerija. Dan ifisser illi fir-rigward tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, hija dik il-Qorti li ghandha titratta mal-appellata dwar il-ksur tas-sentenza alternattiva li ngħatat minn dik il-Qorti. U allura billi din il-Qorti tqies illi l-appellata ghandha tinsab ħatja unikament ghall-imputazzjonijiet bin-numri 8, 9, 10 u 11, u dan għaliex kif ingħad, l-azzjoni kriminali kienet perenta għal egħmil kriminali li seħħ fl-2009, u ma hemmx provi illi l-appellata kienet qed tipperċepixxi xi flejjes illeġittimament fis-snin 2010 u l-2011, allura ser tibgħat lill-appellata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex tkun hemmhekk trattata dwar is-sentenza ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-15 ta' Mejju 2012, l-Ordni ta' Probation imposta fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-28 ta' Novembru 2012 għal żmien tlett snin, kif ukoll sanzjoni fil-komunita' fejn kienet liberata b'kondizzjoni permezz ta' sentenza ta'l-Qorti tal-Maġistrati fis-07 ta' Marzu 2018 għal żmien tlett xhur.

Il-Qorti ser titratta mal-ħatja hija stess dwar is-sanzjoni fil-komunita' fejn kienet liberata taħt kondizzjoni għal żmien sena mogħtija b'sentenza minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, tal-15 ta' Jannar 2015 (Imħallef Michael Mallia). Għaldaqstant dan l-aggravju ta'l-Avukat Ġenerali qed jkun milqugħ parzjalment.

Isegwi għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, illi ż-żmien temporali li fih l-appellata wettqet ir-reati li dwarhom irreġistrat ammissjoni jkopru dawk ta' bejn is-sena 2012 u l-2021 f'liema perijodu ta' żmien s-sentenzi mogħtija fil-konfront tagħha kienu kollha ġew skontati. Dan ifisser illi hija kellha tkun dikjarata

reċidiva fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Għaldaqstant dan l-aggravju ta'l-Avukat Ġenerali qed ikun milqugħ ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti mhijiex ser tqies ir-raba' aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali li huwa dirett lejn l-analizi li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-vizzju tal-logħob li kellha l-appellata. L-Avukat Ġenerali jisħaq li minn l-ebda prova ma jirriżulta li l-appellata kellha xi vizzju tal-logħob tal-azzard iżda jirriżulta biss li kienet tuża l-*casinos* lokali sabiex taħsel il-flejjes illeċiti. Illi l-Qorti tara illi ġaldarba l-appellata kienet misjuba ħatja tar-reati lilha addebitati marbuta ma' dawn il-fatti probatorji allura ma tqisx illi dan l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali għandu jkun kkunsidrat u għaldaqstant qed tiċħdu.

**Ikkunsidrat:**

Illi sorvolati l-ewwel erba' aggravji tal-Avukat Ġenerali, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, senjatament dik ta' sentejn priġunerija sospizi għal erba' snin. L-Avukat Ġenerali jikkontendi li peress li l-appellata kellha tinstab ħatja tal-addebitu tar-reċediva, allura hija ma setgħet qatt tingħata sentenza sospiża fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Qorti tqies illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'dan l-aggravju minnu ntentat. Minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tal-appellata jirriżulta illi hija ngħatat diversi okkazzjonijiet mill-qrati sabiex tirriforma ruħha, iżda xortawaħda għażlet li tibqa' xxellef difrejgħa mal-ġustizzja u dan a skapitu ta' diversi persuni li tul is-snin waqgħu vittmi tal-imġieba qarrieqa tagħha. Kwindi, in vista tal-fatt ukoll illi l-appellata ser tkun misjuba ħatja tal-addebitu tar-reċidiva oltre għal fatt illi l-Qorti ser titratta magħha għal ksur tas-sentenza fil-komunita' mogħtija minn din il-Qorti kif ippresjeduta tal-15 ta' Jannar 2015, ma hemmx alternattiva ħlief li timponi piena karċerarja effettiva.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fejn l-appellata kienet misjuba ħatja tal-ewwel, it-tieni, l-ħames u it-tlettax-il imputazzjonijiet u fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni.
2. Tikkonfermha ukoll fejn l-appellata kienet illiberata mis-sitt u is-seba' imputazzjoni.
3. Tikkonfermaha fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli w immobbli kollha tal-appellata.
4. Tikkonfermaha fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €4000 rappreżentanti parti mill-garanzija mogtija fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati tat-23 ta' Jannar 2013.
5. Tikkonfermaha fejn b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kienet ikkundannata tħallas l-ammont ta' €1053.98 bħala spejjeż peritali.
6. **Tirrevokaha** fejn kienet ikkundannata għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u multa ta' €28,000 u wkoll fejn kienet illiberata mill-addebitu tar-reċidiva (imputazzjoni numru 12), u minflok tiddikjara lill-appellata Omissis reċidiva fis-sens ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u **tikkundannaha għal piena ta' sentejn priġunerija effettivi u tirrevoka l-multa inflitta.**
7. **Tirrevokaha** fejn hija kienet illiberata mill-imputazzjonijiet bin-numri 8, 9, 10 u 11 u minflok issibha ħatja ta'l-istess u fir-rigward tal-imputazzjonijiet bin-numri 8, 9 u 11, wara li rat l-artikoli 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 28C tal-Kodiċi Kriminali, tibgħat lil ħatja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex hemmhekk tiġi trattata għal ksur tal-Ordnijiet ta' *Probation* u ta' sentenza sospiża indikati f'dawn it-tlett imputazzjonijiet. Fir-rigward tal-imputazzjoni bin-numru 10, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tittratta mal-appellata għar-reati li dwarhom saret is-sanzjoni fil-komunita' permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar

2015[9], u wara li rat l-**Artikolu 17, 31, 18, 49 u 50, 167, 183, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha fl-imsemmija sentenza u tikkundannaha għal piena ulterjuri ta' sena u sitt xhur priġunerija li minnhom jitnaqqas iż-żmien li għamlet taħt arrest preventiv fuq dak il-każ.**

**B'kollox għalhekk l-appellata għandha tiskonta sentenza ta' priġunerija ta' tlett snin u sitt xhur.**

**Tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Aġenzija Korrettiva ta' Kordin li l-appellata tingħata l-għajnuna kollha meħtieġa fir-rigward tal-kundizzjoni ta' saħħa mentali tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[9] Appell numru 69/2013